

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Minister for Justice and Equality

Konvenut: LM

**Domandi preliminari**

- 1) Minkejja l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Aranyosi u Căldăraru, fejn qorti nazzjonali tiddetermina li hemm prova konvinċenti li l-kundizzjonijiet fl-Istat Membru emittenti huma inkompatibbli mad-dritt fundamentali għal smiġh xieraq minħabba li s-sistema ġudizzjarja nnifisha fl-Istat Membru emittenti ma għadhiex topera taħt l-istat tad-dritt, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni ulterjuri, b'mod speċifiku u preċiż, fir-rigward tat-tqegħid tal-individwu kkonċernat għar-riskju ta' proċess inġust meta s-smiġh tal-kawża tiegħu se jseħħ fi ħdan sistema li ma għadhiex topera fl-istat tad-dritt?
- 2) Jekk il-kriterju li għandu jiġi applikat jeħtieġ evalwazzjoni speċifika tar-riskju reali tal-persuna rikjesta ta' każda flagranti tal-ġustizzja u fejn il-qorti nazzjonali kkonkludiet li hemm ksor sistemiku tal-istat tad-dritt, il-qorti nazzjonali, bħala l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, hija obbligata li tirreferi lura għall-awtorità ġudizzjarja emittenti għal kwalunkwe informazzjoni ulterjuri meħtieġa li tista' tippermetti lill-qorti nazzjonali li teskludi l-eżistenza tar-riskju ta' proċess inġust u, jekk iva, liema garanziji għal smiġh xieraq għandhom ikunu meħtieġa?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fid-29 ta' Marzu 2018 –  
GRDF SA vs Eni Gas & Power France SA, Direct énergie, Commission de régulation de l'énergie,  
Procureur général près la Cour d'appel de Paris**

**(Kawża C-236/18)**

(2018/C 190/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: GRDF SA

Konvenuti: Eni Gas & Power France SA, Direct énergie, Commission de régulation de l'énergie, Procureur général près la Cour d'appel de Paris

**Domanda preliminari**

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 (11) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jeħtieġu li awtorità regolatorja, li tirriżolvi tilwima, ikollha s-setgħa li tagħti deċiżjoni li tapplika għall-perijodu kollu kopert mit-tilwima li biha tkun adita, irrispettivament mid-data ta' meta din tkun inqalgħet bejn il-partijiet, b'mod partikolari billi tiddeduċi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ta' kuntratt mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva permezz ta' deċiżjoni li l-effetti tagħha jkopru l-perijodu kuntrattwali kollu?

---

<sup>(1)</sup> Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009 L 211, p. 94).